Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 21,074, 23 ta' Ġunju, 2023

Taqsima B

A.L. 120 tal-2023

ATT DWAR IL-PROFESSJONI NUTARILI U L-ARKIVJI NUTARILI (KAP. 55)

Regolamenti tal-2023 li Jiffissaw l-Onorarju li għandu Jitħallas lill-Membri tal-Bord ta' Eżaminaturi

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 7(9) tal-Att dwar il-Professjoni Nutarili u l-Arkivji Nutarili, il-Ministru responsabbli għall-affarijiet nutarili għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:-

Titolu.

1. It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu r-Regolamenti tal-2023 li Jiffissaw l-Onorarju li għandu Jitħallas lill-Membri tal-Bord ta' Eżaminaturi.

Onorarju li għandu jitħallas lill-membri tal-Bord ta' Eżaminaturi. Kap. 55.

2. B'effett mis-sena 2023, il-membru maħtur mill-Kunsill Nutarili kif ukoll iż-żewġ (2) membri maħtura mill-Ministru responsabbli għall-affarijiet nutarili sabiex iservu fuq il-Bord ta' Eżaminaturi mwaqqaf skont l-artikolu 7 tal-Att dwar il-Professjoni Nutarili u l-Arkivji Nutarili għandhom jirċievu onorarju li jammonta għal elfejn erba' mija u ħamsa u għoxrin euro (€2,425) kull wieħed għal kull sena li matulha huma għandhom iservu bħala membri tal-Bord.